MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 299/2012

**Rimus Trading Agency Limited
(C 20020)**

**Vs**

**Jesmond Tonna
ID 254974M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta’ April, 2012 fejn is-socjeta’ attrici qeghda titlob li s-somma mitluba tirrapprezenta l-bilanc tal-prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut kif jidher fiz-zewg invoices Dok A u B annessi ma’ din it-talba.

Illi ghalkemm il-konvenuta gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas huwa baqa’ inadempjanti.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici titlob bir-rispett lil dan l-Abbli Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf, tlett mija, hamsa u tmenin ewro u sebgha u hamsin centezmi (€1,385.57), flimkien ma’l-imghax legali, u bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-1 ta’ Marzu, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-1 ta’ Marzu, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, tlett mija, hamsa u tmenin ewro u sebgha u hamsin centezmi (€1,385.57) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------